**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**Alexia (Alexia Margo) Calleja**

**Kumpilazzjoni numru 507/2018**

**Illum 13 ta' Awwissu, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Alexia (Alexia Margo) Calleja** detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 18378M billi hija akkuzata talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizuluzzjoni wahda u cioe:-

1. Talli nhar l-14 ta' Lulju 2018 u fil-jiem ta' qabel din id-data, minn gewwa l-istabbiliment 'Diamonds International' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' gojjellerija ghad-

detriment ta' Joann Poulton u Anthony Micallef u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli nhar is-07 ta' Awissu 2018 u fil-jiem ta' qabel din id-data, minn gewwa l-istabbiliment 'Victor Azzopardi Jewellers' li jinsab fi Triq Sant' Anna, Floriana, ikkommettiet serq ta' gojjellerija ghad-detriment ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tqis lill-imputata Alexia (Alexia Margo) Calleja bhala li saret recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li giet misjuba hatja b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jekk ikun il-kaz skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Awwissu 2018 l-Ufficjali Prosekuturi kkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-gurament;

Illi matul l-ezami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-imputata debitament assistita mill-Avukat Dottor Noel Cutajar stqarret li kienet inkondizzjonatament ħatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontriha;

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni inkluz fis-sens illi għar-reati li ammettiet għalihom bħala regola dawn il-Qrati jimponu piena ta' prigunerija; wara li tagħtha zmien bizżejjed sabiex tiddeciedi jekk hux ser terga' lura minnha, u wara anke li kkonferixxiet mal-Avukat Difensur, l-imputata wiegbet li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fejn kien spjegat li l-imputata ilha mahkuma mill-vizzju tad-droga ghaxar snin u m'ghandiex fejn toqghod. Kien hemm qbil dwar il-parametri li ghandha timxi maghhom il-Qorti;

Fliet id-dokumenti ezebiti u l-atti proċesswali, inkluz il-fedina penali tal-imputata;

**Ikkunsidrat:**

Li fic-cirkostanzi tal-kaz u fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata il-Qorti m'għandiex alternattiva għajr li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontriha.

Il-Qorti rat li mill-fedina penali jidher li l-imputata mhux l-ewwel darba li nghatat cans biex tibdel it-triq li qabdet. L-Avukat Difensur jgħid li l-imputata għandha bżonn l-għajnuna. Verament hu l-kaz. Izda l-imputata trid tifhem li trid tgħin ruħha biex Alla jgħinha. Issa ma tistax tippretendi li l-Qorti tagħlaq għajnejha għal dan il-fatt. Jekk trid l-għajnuna trid tkun hi l-ewwel waħda li xxammar il-kmiem u tmidd idejha għax-xogħol iebes tar-rijabilitazzjoni. L-għajnuna ta' ħaddieħor mingħajr impenn serju tagħha ma huwa ser iwassalha mkien. Hi trid tkun li taqdef u timpenja ruħha li tbiddel ir-rotta ta' ħajjitha. Din il-Qorti sejra tagħmel il-parti tagħha. Issa jmiss lill-imputata li tagħmel il-parti tagħha wkoll.

Mill-banda l-oħra il-Qorti trid izzomm quddiem għajnejha mhux biss id-drittijiet tal- imputata, iżda wkoll id-drittijiet tal-vittma li hi għazlet minn jeddha li tisraq. Biex issolvi l- problemi finanzjarji tagħha, l-imputata ma għandhiex dritt li tirrikorri għas-serq t'oggetti ta' ħaddiehor. Hemm ħafna mezzi onesti li permezz tagħhom persuna tkun tista ggib il-flus – dment li tkun trid tmidd idejha u taħdem. Il-fatt li l-imputata għandha problema tad-droga ma huwa ta' ebda gustifikazzjoni għaliha li tmur tisraq lin-nies. Il-vizzju tad-droga ssolvih billi tagħmel programm ta' rijabilitazzjoni u timpenja ruħha bis-serjeta li tibqa ssegwih u wara li tlestih b'suċċess tibqa' soda sabiex tinfatam darba għal dejjem minn dan il-vizzju u mhux billi tmur tisraq lill-ħaddieħor biex ikollhok l-flus biex tissodisfa l-"habit" tagħha. L-imputata zgur li ma trid lil ħadd imissilha ħwejjigha u allura trid tifhem li ma tistax tmiss u tisraq ħwejjeg ħaddieħor. Trid ukoll izzomm quddiem għajnejha l-veri vittmi f'dawn il- każijiet huma l-vittmi tas-serq

tagħha u trid izzomm quddiem għajnejha t-trawma li dawn in-nies jgħaddu minnha minħabba s-serq ta' ħwejjigħom bl-azzjoni tagħha.

Il-Qorti għalhekk tara li jekk l-imputata fl-istat attwali ta' ħajjitha mhux ser tkun imgegħla toqgħod kemm jista' jkun il-bogħod mid-droga u jekk mhux ser tkun kostretta li toqgħod għal xi forma ta' trattament biex tigi mgħejjuna tegħleb dan il-vizzju, hemm cans tajjeb li l-imputata tibqa' fejn hi illum – ħaga li la hija ta' gid għaliha u wisq anqas għas-socjeta. Il-Qorti għalhekk sejra taghti piena ta' prigunerija effettiva b'ordni ta' trattament biex l-imputata tigi mgħejjuna kemm jista jkun tegħleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261 u 267 tal-Kodici Kriminali ssib lil Alexia Calleja, fuq l-ammissjoni taghha stess ħatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontriha.

Il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija kif ukoll li hija ammetta l-ħtija taghha fil-bidu nett ta' dawn il-proceduri, kif ukoll li l-fedina penali kkulurita taghha.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tikkundanna lil imputata ghal piena ta' sentejn prigunerija.

*Inoltre*, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet snin mil-lum bil-ghan illi telgheb il-vizzju tad-droga u dan billi fost ohrajn, tibda u tlesti programm residenzjali fi hdan wahda mill-Agenziji

li jipprovdu programmi ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, u dan dejjem skont kif rakkomandat lillha mill-professjonisti li ser ikunu qeghdin isegwuha, inkluz billi tibqa' f'dan iz-zmien f'kuntatt mal-Agenzija koncernata u anke thalli kampjuni tal-urina ghal testijiet ghall-presenza o meno ta' sustanzi illeciti.

Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, kif ukoll lid-Direttur Generali tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, sabiex il-hatja jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex teghleb il-vizzju tad- droga.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba huwa ma joqghodx mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Trattament.

Il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

____________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**